**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIŻJONI NUMRU 2653**

Chairperson: Charmaine Cristiano Grech

**Kaz Nru: 3240/CCG**

**Fil-Kwistjoni tax-Xogħol**

**bejn**

**Joseph Cauchi (215585M)**

**u**

**Malta Public Transport Services (Operations) Ltd**

Dwar: tkeċċija mill-impjieg allegatament li hi nġusta

Illum 5 ta' Frar 2020

**Preliminari**

Ir-rikorrent ressaq rikors quddiem it-Tribunal Industrijali fejn jallega li l-kumpanija intimata tterminat l-impjieg tiegħu b'mod inġust.

Ir-rikorrent jispjega li hu kien jaħdem mal-kumpanija Malta Public Transport, kumpanija li ssuċċidiet il-kumpanija Arriva Malta Ltd. L-impjieg ġie terminat wara li saru allegazzjonijiet li s-Sur Cauchi ma rrendiex kont korrett tal-flus minnu miġbura.

Is-Sur Cauchi għamel affidavit fejn spjega fid-dettal is-sitwazzjoni għall kull allegazzjoni li saritlu. Ir-rikorrent resaq quddiem is-Sa. Diane Micallef u Sa. Victoria Desira u fl-20 ta' April 2014 kien infurmat li l-impjieg tiegħu ġie terminat u li kellu dritt għal appell.

Is-Sur Cauchi appella u fis-16 ta' Mejju deher quddiem is-Sur Kevin Zahra, li ma ried jisma l-ebda argument minn għand ir-rikorrent. Anzi beda jhedded li jittieħdu passi kriminali kontra rikorrenti u li bħala mpjegat tal-gvern ir-reat kien iktar gravi, xi ħaġa li skont ir-rikorrent din mhux minnha għax hu ma kienx impjegat tal-gvern.

Ir-rikorrent jattribwixxi l-problema li nqalgħet lill-magni li hu u kollegi tiegħu kienu jużaw biex joħorġu l-biljetti. Magni li kienu jagħtu problemi ta' spiss. F'dan il-każ kanċellazzjoni ta' biljetti ma ġewx reġistrati. Jgħid ukoll li kien stanza fejn ġara bil-kontra fejn il-biljett jidher li ġie kanċellat imma hu xorta ġabar il-flus u għaddihom lill-kumpanija.

Ir-rikorrent jisħaq li l-magni użati kienu ħafna drabi jħawdu u ma jaħdmux tajjeb. Għalhekk it-tkeċċija hija waħda nġusta u l-appell kien wieħed farsa.

Ir-rikorrent jitlob li it-Tribunal jiddikjara li tkeċċija tas-Sur Joseph Cauchi kienet waħda nġusta u għandu jerġa' lura fl-impjieg tiegħu kif ukoll jitħallas għat-telf ta' xogħol kollu li jista' jkun sofra.

Il-kumpanija intimata ddikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg sar minħabba raġunijiet tajba u suffiċjenti fil-liġi li jiġġustifikaw it-tkeċċija. Spjegat kif is-Sur Cauchi kien impjegat bħala *Ticket seller* permezz ta' kuntratt datat 18 ta' Ġunju 2012.

Ix-xogħol ta' *ticket seller* huwa li jbigħ biljetti lill-passiġġieri qabel ikunu telgħu fuq il-karozza. Biex jagħmlu dan jingħatalhom apparat biex jiġi stampat il-biljett. Dan l-apparat ikun għall-użu esklussiv tal-persuna partikolari. Fl-aħħar tax-*shift it-ticket seller* jistampa rapport mill-magna magħruf bħala *z-reading* li juri it-total ta' biljetti mibjugha. Dan ir-rapport jiġi preżentat lill-kumpanija flimkien mal-bank *statement* tal-flus depożitati mit-*ticket seller*.

Il-kumpanija ntimata kompliet tgħid li waqt spezzjonijiet li saru minn uffiċjali tagħha fuq is-servizz tagħha rriżulta li xi passiġġieri kellhom biljetti li skont is-sistema elettronika tas-soċjeta` dawn kienu ġew kanċellati u biljetti oħra b'data futura, li wħud minnhom ukoll kienu ġew kanċellati.

L-imtimata kumpanija kompliet tispjega li kull biljett ikollu traceability code/pin li juri min ikun ħareġ il-biljett u jirriżulta li l-biljetti msemmija iktar qabel kienu ħarġu u ġew kanċellati mir-rikorrenti.

Minn investigazzjoni oħra irriżulta li bejn Jannar u Frar 2014 ir-rikorrenti kien ikkanċella numru sostanzjali ta' biljetti għal valur ta' €341 u dan mingħajr ma ta rendikont lill-kumpanija hekk kif mitlub mill-proċeduri tal-istess kumpanija ntimata. It-*ticket sellers* huma obbligati li ma' kull biljett kanċellat jippreżentaw irċevuta li biljett ġie kanċellat u jekk għal xi raġuni din l-irċevuta ma tiġiex stampata jipproduċu waħda huma. Dan biex kollox ikun rikonċiljabbli.

Is-soċjeta` ntimata tisħaq li mhux talli r-rikorrent ma ppreżentax il-biljetti kanċellati lis-soċjeta` iżda talli uħud minn dawn il-biljetti nstabu fil-pussess ta' xi passiġġieri.

F'okkażjoni partikolari r-rikorrent ingħata permess biex jikkanċella 88 biljett għall-amont ta' €532.50, iżda meta ntalab biex jippreżenta l-biljetti preżenta biss ammont għall-valur ta' €487.50, b'ammont ta' biljetti għall-valur ta' €45 jibqgħu nieqsa.

Il-kumpanija ntimata għaddiet biex toħroġ *charge letter* datata 24 ta' Marzu 2014 fejn tressqu c-*charges* u dokumentazzjoni in sostenn tal-imsemmija *charges*. Is-Sur Cauchi kien mistieden jattendi laqgħa biex jispjega l-pożizzjoni tiegħu fejn kellu l-opportunita` ukoll li jkun rappreżentat minn xi ħadd tal-fiduċja tiegħu.

Matul din il-laqgħa li saret fl-4 ta' April 2014 is-Sur Cauchi naqas milli jagħti spjegazzjoni plawsibbli u l-unika difiża li ġab kienet li l-magna li kellu kienet tagħti ħafna problemi. Ġie stabbilit ukoll li s-Sur Cauchi qatt ma għamel rapport fuq dawn il-problemi. Irriżulta wkoll li l-ammont ta' biljetti li s-Sur Cauchi kien ikkanċella kien ferm iktar għoli minn ta' kollegi tiegħu li jaħdmu b'apparat identiku.

Il-kumpanija ntimata tgħid ukoll li kontra dak iddikjarat fl-affidavit datat 3 ta' April 2014 preżentat lill-kumpanija waqt il-laqgħa, l-ebda uffiċjal tal-kumpanija ma ħareġ permess biex jinħarġu *future tickets* għax din kienet kontra l-prassi tal-kumpanija.

Għalhekk tgħid il-kumpanija ntimata li r-rikorrent huwa ħati ta' irregolaritajiet serji li saħansitra rekaw preġudizzju finanzjarju lill-istess kumpanija u tali aġir huwa mġieba ħażina u gravi. U għalhekk it-terminazzjoni tal-impjieg kienet waħda ġusta, skont il-liġi u konsekwentament it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġi miċħuda.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-liġi minħabba numru ta' differimenti mitluba mill-partijiet kif ukoll ċirkostanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

**Sinteżi tax-Xhieda**

Xehdet is-Sa. Diane Micallef li tokkupa l-kariga ta' *Customer Experience Manager* fi ħdan is-soċjeta` ntimata. Is-Sa. Micallef xehdet dwar l-ittra ta' tkeċċija li ġiet preżentata lis-Sur Cauchi. Spjegat kif dak li kien hemm miktub fl-ittra, kienet saret taf bih hi. Stqarret li l-ewwel li nġibdet l-attenzjoni tagħha kienet mill-inspectors li jkunu qed jaghmlu spezzjonijiet fuq il-biljetti li l-klijenti tal-kumpanija jkollhom waqt li jkunu qegħdin jivvjaġġaw. Ikkonfermat li s-Sur Cauchi kien impjegat bħala *Street Ticket Seller* u li dan ir-rwol huwa li jbigħ biljetti f'postijiet fejn ikun hemm konċentrazzjoni ta' passiġġieri. Tat spjegazzjoni dwar ir-rapport li għamel is-Sur Mario Farrugia, *Senior Manager* tal-*inspectors*. Spjegat li waqt spezzjoni nstabu biljetti b'data futura u oħrajn b'data ħażina. Kull biljett ikollu numru (PIN) li jidentifika min ikun ħareġ dak il-biljett partikolari u f'dawn il-każijiet il-biljetti kienu kollha ħarġu bil-PIN 9007 li jidentifika lis-Sur Cauchi.

Meta mistoqsija kif setgħu ħarġu biljetti b'dati futuri, spjegat li bil-magna li kellu s-Sur Cauchi, d-data setgħat tiġi mimsusa. Ikkonfermat li dan kollu kien kontra l-politika tal-kumpanija. Is-Sa. Micallef xehdet li hi ċċekkjat mas-sistemi tal-kumpanija l-informazzjoni f'dan ir-rapport u sejħet lis-Sur Cauchi għall-laqgħa nhar il-21 ta' Marzu biex jagħti spjegazzjoni ta' x'kien ġara.

Is-Sa. Micallef qalet li s-Sur Cauchi kien stqarr li sa fejn kien jaf hu kien preżenta kollox dwar xi nkonsistenzi li seta' kien hemm. F'dik il-ġurnata stess ħarġet ic-charge letter iffirmata mis-Sur Fabien Courtellemlont li kien il-*Commercial Director* dak iż-żmien. Is-smiegħ kien għall-4 ta' April. Xehdet ukoll li waqt il-laqgħa tal-21 ta' Marzu is-Sur Cauchi preżenta affidavit.

Is-Sa. Micallef xehdet ukoll dwar dak li seħħ nhar l-4 ta' April u l-proċedura użata. Spjegat li fl-ewwel seduta kien hemm preżenti hi stess u Sa. Victoria Desira li hi l-*HR executive*. L-iskop prinċipali kien biex jippruvaw jifhmu eżatt skont is-Sur Cauchi x'ġara. Spjegat, u tat eżempji ta' każijiet għalfejn biljett jista' jiġi kanċellat, iżda li dan fl-aħħar tal-ġurnata kellu jiġi mehmuż mar-rapport li joħroġ kull persuna li tbiegħ il-biljetti, rapport maghruf bħala Z-reading. Dan ir-rapport kien jgħaddi l-account section tal-kumpanija fl-aħħar tal-ġimgħa. Żiedet tgħid ukoll li kulljum kellu jintbaghat rapport bl-email fejn fih apparti din l-informazzjoni kellhom jghidu f'liema fergħa tal-BOV jkunu ġew depożitati l-flus għax kien id-dover ta' kull bejjiegħ li jiddepożita l-flus. Ovjament l-ammont depożitati kellu jaqbel mal-ammont fuq ir-rapport z-reading.

Is-Sa. Micallef xehdet li s-Sur Cauchi ma setax jagħti spjegazzjoni ta' x'ġara. Semmiet li s-Sur Cauchi allega li kien ħa permess minn għandha nhar id-19 ta' Jannar, però hi ċaħdet li qatt tat xi permess biex joħroġ biljetti bil-quddiem u kompliet tgħid li biss biss dak inhar kien jaħbat il-Ħadd u hi ma taħdimx il-Ħadd. Xehdet ukoll, li kontra dak li qal is-Sur Cauchi, f'dik il-ġurnata hu ma kienx xogħol il-Belt Valletta.

Meta mistoqsija jekk kinitx prassi normali li hi tagħti struzzjonijiet dwar kanċellazzjoni ta' biljetti, is-Sa. Micallef qalet li mhux normali imma jkun hemm okkażjonijiet rari meta dan isir. Is-Sa. Micallef xehdet li mas-Sur Cauchi kien hemm kaz fejn dan seħħ, nhar it-3 ta' Marzu.

Meta mistoqsija biex telabora dwar dan l-inċident, is-Sa. Micallef spjegat li kien hemm grupp ta' 88 persuna, probabbli xi studenti ta' xi skola tal-Ingliz li riedu biljett u nħarġu biljetti bi żball. F'dan il-każ peress li n-numru kien kbir ħafna u kien hemm bżonn li jinħarġu biljetti oħra hi tat il-permess biex isir li hemm bżonn.

Li ġara mbagħad hu li meta s-Sur Cauchi daħħal lura l-biljetti għal skop ta' konċiljazzjoni, ma daħħalx 88 biljett u kien hemm b'45 biljetti inqas milli suppost. Skont is-Sur Cauchi 11 il-biljett ma ġewx printjati allura l-iżball kien ta' 77 mhux 88. Spjegat li hi naqra mpossibli li 11 –il biljett ma jiġiex stampat għax dak li jkun jinduna u ma jibqax sejjer, iżda f'każ li jiġri hekk kien hemm struzzjonijiet biex xorta tiġi preżentata dokumentazzjoni biex ikun hemm konċiljazzjoni.

Mistoqsija dwar l-allegazzjoni tas-Sur Cauchi li l-magna li kellu hu kienet xi kultant tati problemi, is-Sa. Micallef qalet li l-unika rapport li kien hemm kien dwar screen difettuż.

Dwar il-kwistjoni ta' biljetti kanċellati, is-Sa. Micallef xehdet li qabel ħadet id-deċiżjoni u ntbagħtet l-ittra tat-8 ta' April, għamlet ftit eżerċizzju fejn qabblet l-ammonti ta' biljetti kanċellati mis-Sur Cauchi u ħaddiema oħra u r-riżulta li l-persentaġġ bejn Jannar u Frar tas-Sur Cauchi kien ħafna iżjed u l-magni użati huma l-istess.

Qalet ukoll li s-Sur Cauchi ma ta l-ebda spjegazzjoni la dwar il-biljetti kanċellati u lanqas dwar il-biljetti nieqsa tat-3 ta' Marzu.

Meta kienet mistoqsija għall-kumpanija dan x'kien ifisser is-Sa. Micallef qalet li skont il-manwal tal-kumpanija dan jammonta għal *gross misconduct* li twassal għal terminazzjoni tal-impjieg. Is-Sa. Micallef xehdet li s-Sur Cauchi appella mid-deċiżjoni imma hi ma kinitx involuta fl-appell.

Xehed is-Sur Mario Farrugia, *Senior Service Standard Manager* mal-Malta Public Transport. Xehed li ċemplitlu ċerta Miriam Vidal mill-control room li qaltlu li hemm xufier li qed jgħid li hemm biljetti foloz. Is-Sur Farrugia għamel kuntatt max-xufier u mar jiltaqa' miegħu fejn il-funtana tat-Tritoni. Meta ltaqa' max-xufier kien hemm tfajla Franċiża miegħu u spezzjona l-biljetti. Ix-xhud ikkonkluda li ma kienux foloz għax il-karta, stampar u numri kienu tal-kumpanija. It-tfajla qalet li kienet xtrat il-biljetti mill-Furjana. Ix-xhud wegħda li se tkun qed tieħu l-flus lura. Meta mistoqsi li jekk ma kienux foloz x'kienet il-problema, ix-xhud qal li l-problema kienet li kienu *future dated*. Ikkonferma li l-biljetti ħarġu minn magna tal-kumpanija li għandha numru 9005. Qal ukoll li anke mid-daqs tal-biljett jinduna jekk il-biljett ikunx ħareġ ix-xufier jew minn għand *ticket seller*. Spjega li future dates ma kienux permessi. Il-biljett ried ikollu id-data meta jkun se jiskadi u meta jkun ħareġ. Id-differenza bejn iż-żewġ dati setgħat tkun biss ta' 7 ijiem. Qal ukoll li d-data tal-ħruġ setgħat tiġi mibdula billi tiġi settjata fuq il-magna imbagħad awtomatikament id-data ta' skadenza tiġi kalkulata skont id-data tal-ħruġ.

Is-Sur Farrugia kompla jispjega li hu konfiska l-biljetti minn għand il-klijent bil-wegħda li tieħu l-flus lura. Saħansitra mar l-iskola minn fejn hi qalet li kienet xtrat il-biljetti u l-iskola kkonfermat dan. Ix-xhud qal li d-direttur tal-iskola qalet li kienu ftehmu ma' Joseph.

Meta mistoqsi x'investigazzjoni iżjed għamel, is-Sur Farrugia qal li għamel verifiki mad-*data* li jkun hemm fis-sistema u skopra li kien hemm żewġ biljetti *deleted* minn fuq is-sistema imma kienu fil-pussess tal-istess tfajla. Is-Sur Farrugia qal li hu għadda r-rapport lis-superjur tas-Sur Cauchi, is-Sa. Diane Micallef.

Xehed ukoll is-Sur James Abela, IT Manager mal-kumpanija Malta Public Transport. Dan ta spjegazzjoni ta' kif taħdem is-sistema tal-bejgħ tal-biljetti u kif ikunu programmati l-magni li jingħataw il-ħaddiema li jbiegħu l-biljetti fit-toroq. Aċċenna li s-sistema meta toħroġ z-reading tati it-total ta' biljetti li jkunu ħarġu u total ta' flus li suppost ikun inġabar. Biljetti kanċellati jkunu tnaqqsu mit-total. Spjega fid-dettall x'jiġri meta xi ħadd ikun biddel id-data fuq il-magna tal-*ticket seller*. Jekk xi ħadd jibdel id-data fuq il-magna, il-data printjata fuq il-biljett tkun dik id-data hekk kif mibdula imma meta l-informazzjoni tiġi trasferita lejn il-kumpanija dawk se jiġu reġistrati skont id-data tal-ġurnata għax is-sistema taf biss id-data tal-ġurnata li fiha tirċievi l-informazzjoni, mhux dik mibdula fuq il-magna. Fuq ir-rapporti li joħorġu ir-*Revenue Analysts* jiġu jidhru skont id-data li jkunu dehru li ħarġu skont il-magna. Spjega wkoll li id-*duty number* huwa dak li mbagħad se jikxef li dawk il-biljetti jkunu ħarġu qabel għax id-*duty number* isegwi, allura filli jkun qed juru numru u filli jkun hemm qabża lura. Dak huwa sinjal li għalkemm il-biljetti qed juru li ħarġu f'data, id-*duty number* se juru numru li jkun ta' ġranet qabel. Mistoqsi dwar meta jkun hemm ħsara fil-magni, jekk din tiġiex iddokumentata, is-Sur Abela qal li dan jiġi mniżżel.

Is-Sa. Sharon Sammut, Revenue Analyst xehdet dwar ix-xogħol tagħha, fosthom li jekk ikun hemm suspett li hemm xi ħaġa ħażina f'xi bejgħ jiġi ċċekkjat. Fuq il-każ tas-Sur Cauchi, is-Sa. Sammut qalet li l-*Customer Experience Manager* marret għandha sabiex tiċċekkja dwar 85 biljett li kienu jidhru fuq iz-

*z reading* tas-Sur Cauchi u li ġew kanċellati. Riedet tiċċekkja jekk kienux jidhru fid-*databse* tal-kumpanija. Saħqet li meta ċċekkjat sabet li dawn qegħdin jidhru fis-sistema bħala kanċellati. Qalet li il-biljetti kanċellati suppost jiġu mehmuża maz-*z-reading* u jiġu preżentati lill-*Accounts section*.

Qalet ukoll li fis-17 ta' Marzu kien mar Mario Farrugia għandha biex jiċċekkja 5 biljetti. Irriżulta li kien hemm minnhom *future dated* u oħrajn kanċellati. Il-biljetti kanċellati flok ġew ritornati nstabu għand klijenti.

Ix-xhud ikkonfermat ukoll li fit-*duty number* 345 kienu ħarġu biljetti b'dati differenti, meta id-*duty number* ifisser li dawk ħarġu fl-istess ġurnata. Spjegat ukoll dwar każijiet oħra fejn kien hemm biljetti b'dati futuri.

Xehedet is-Sa. Elaine Vella *Inspector* mal-Malta Public Transport. Qalet li hi u kollega tagħha s-Sur Carmel Briffa kienu sabu biljett skadut waqt spezzjoni fuq karozza tal-linja. Id-data tal-ġurnata kienet 15 ta' Marzu u l-biljett kien tal-14 ta' Marzu. Xehdet li waqt spezzjoni oħra sabu biljett iehor skadut. Biljett li l-passiġġier ikkonferma li kien xtrah fit-3 ta' Marzu imma l-biljett jindika 3 ta' Frar.

Is-Sur Joseph Cauchi preżenta żewġ affidavits. Iddikjara li hu dejjem informa lis-superjuri li l-*hand held machine* ma kinitx tiffunzjona tajjeb speċjalment meta jkun hemm ħafna xogħol fi ftit ħin. Ħafna drabi l-magna kienet tibda tgerfex, biljetti ma joħorġux kif suppost u jeħlu fil-magna u ma jkunux stampati kif suppost. Stqarr li hu nnota li dan kien jiġri wkoll minn xi magni tal-kollegi tiegħu. Awtomatikament dawn il-biljetti kienu jiġu mmarkati bħala kanċellati fil-*final day report*. Iddikjara li kien ikollu jiftaħ il-magna biex jaqla l-biljetti li waħlu u li l-biljetti li kien jiġbor mill-magna ma kienux jaqblu man-numri ta' biljetti mwaħħla. Għalhekk kull darba li kien jhemeż il-biljetti kanċellati mal-Bank deposit slip kien ikun hemm 3 jew 4 nieqsa.

Iddikjara li s-Sibt 19 ta' Jannar jew il-Ħadd 20 ta' Jannar kien xogħol il-Bus Terminus tal-Belt. Waqt ix-xogħol ġiet persuna li riedet 88 biljett ta' 6 ijiem, għal xi studenti barranin li s-Sur Cauchi ħarġilha. Xi siegħat wara, l-istess klijenta, akkumpanjata minn raġel riedet tibdel dawn il-biljetti għal biljetti futuri u dati differenti. Kienet l-ewwel darba li għadda minn sitwazzjoni simili u għalhekk ikkonsulta ma' kollega tiegħu Darren. Dan kien ċempel lil Diane Micallef u din tat il-permess li joħroġ dawn il-biljetti futuri bid-dati kif mixtieqa mill-klijenta.

Is-Sur Cauchi ddikjara li sakemm dam jaħdem mal-kumpanija għamel bejgħ ta' bejn 400,00 u 500,00 li jammontaw bejn € 160,000 u €200,00.

Kull filgħaxija kien jagħmel ir-rikonċiljazzjoni tal-ġurnata. Dan kien jagħmlu permezz tar-rapport tal-End of Day li kien juri n-numru ta' biljetti maħruġa, biljetti żbaljati, biljetti kanċellati, total ta' biljetti u total ta' bejgħ f'ewro. Fil-bank hu, permezz ta' missieru, kien jiddepożita` l-ammont li jikkorrispondi mal-ammont li kienet tikkalkula l-magna. Iddikjara hu dejjem iddepożita l-ammont korrett hekk kif maħruġ mill-magna.

Qatt ma rċieva xi twissija jew inġibditlu l-attenzjoni li kien hemm xi depożiti ħżiena.

Waqt il-kontro-eżami s-Sur Cauchi xehed li hu darba għamel rapport dwar ħsara fuq il-magna. Xehed li hu qatt ma rraporta iżjed ħsara għax anke meta tkellem ma' kollega tiegħu qallu li kull darba jibdlulu l-magna. Qal ukoll li darba ċempel lis-Sa. Micallef biex jgħidilha li l-magna mhux taħdem sew u din qaltlu biex jibqa' biha. Spjega li meta kienu marru ammont ta' nies jixtru ma kienx jipprintja biljett biljett iżda per eżempju għaxra, kien jaf li romblu kien jiflaħ madwar wieħed u għoxrin biljett. Iżda l-magna tibda tipprintja u wara erbgħa, sitta teħel. Is-Sur Cauchi qal li l-magna, awtomatikament ħassret il-biljetti mis-sistema.

Fuq l-inċident ta' meta ħareġ tmienja u tmenin biljett u ħdax weħlu, is-Sur Cauchi kkonferma li hu preżenta sebgħa u sebgħin biljett biss.

Dwar id-data ta' meta ħarġu l-biljetti is-Sur Cauchi saħaq li jista' kien hemm żball. Meta konfrontati li fix-xiehda tiegħu hu kien qal li fix-xhur tax-xitwa kien ikun San Ġiljan u mhux il-Belt saħaq li ma jiftakarx eżatt.

Is-Sur Cauchi wera ruħu sorpriż meta rinfaċċat li hu kien stqarr li kien ħareġ future tickets darba iżda nstabu każijiet oħra meta hu għamel dan kif ukoll kif –il ħdax il-biljett li hu qal li kienu weħlu nstabu f'idejn passiġġiera.

Xehed is-Sur Mark Borg, *ex* impjegat tal-kumpanija Arriva. Xehed li meta kien jaħdem mal-kumpanija kien ingħata *handheld machine*. Qal li ġieli kien ikun hemm każi fejn il-magna teħel. Spjega li meta kien jiġri hekk u kien iżomm il-biljetti u jekk ikun hemm każ, mhux ta' spiss, fejn il-biljett jiġi reġistrat imma ma joħroġx kien jirrapporta mill-ewwel. F'każ bħal dan kien ikollok bżonn tħassar il-biljett għax inkella kont tispiċċa minn taħt. Sostna li hu kien jerfa' r-responsabbilta` u javża meta jkun hemm każ fejn il-biljett ma joħroġx u jżomm il-biljetti li joħorġu u jkun hemm xi ħaġa ħażina fuqhom. Stqarr li qatt ma kellu problemi. Meta mistoqsi dwar ħsarat fil-magni, ix-xhud stqarr li ma kienux jifilħu l-ammont ta' xogħol li kien ikun hemm tant li ġieli kien iġorr żewġ magni fuqu. Is-sur Borg spjega wkoll li għal bidu d-data fuq il-biljett kienet toħroġ skont id-data li ċ-ċentral kien ikun issetja fuq il-magni iżda maż-żmien għallmu lill-impjegati kif tinbidel u huma setgħu jbiddlu d-data li toħroġ fuq il-biljett.

Is-Sur Edwin Schembri, xufier ta' *bendy bus,* xehed li fuq il-karozza hu kellu magna wkoll li toħroġ il-biljetti u meta kienet tkun bil-ħsara kellu struzzjonijiet biex itella' n-nies b'xejn. Is-Sur Schembri qal li s-Sur Cauchi ġieli kien jgħinu jaqta' l-biljetti meta kien ikun hemm ħafna nies u l-magna tiegħu ta spiss kienet tati l-problemi. Żied ukoll li hu kien jaf persuna oħra li kienet tagħmel ix-xogħol tas-Sur Cauchi u l-magna ta' dan il-persuna wkoll kienet tagħti l-problemi.

**Sinteżi tas-sottomossjonijiet**

Is-soċjeta` ntimata saħqet li l-pern tal-kwistjoni hija li skont is-soċjeta` is-Sur Cauchi kellu l-impjieg tiegħu terminat minħabba, ħruġ ta' biljetti b'data futura mingħajr awtorizzazzjoni, ikkanċellar ta' numru esaġerat ta' biljetti u nuqqas ta' ġustifikazzjoni/preżentar ta' numru ta' biljetti kanċellati b'valur totali ta' €386 fejn uħud mill-biljetti nstabu f'idejn passiġġiera.

Ir-rikorrent jallega li l-kawża tal-problema kienet il-magna difettuża li kien jaħdem biha. Minkejja dan hu rrapporta dan darba biss, sħabu li kienu jużaw magni simili bl-istess tip ta' problemi kienu ħassru ammont ferm inqas minnu ta' biljetti u għalkemm ir-rikorrent jgħid li ċerta biljetti tħassru dawn b'xi mod instabu f'idejn passiġġiera.

Il-*future tickets*, kuntrarjament għal dak li stqarr ir-rikorrent inħarġu fit-3 ta' Marzu 2014 u mhux fid-19 ta' Jannar 2014. Dan joħroġ ċar mis-sistema kif ukoll mir-*roster* fejn jirriċulta li r-rikorrent ma kienx xogħol il-Belt fid-19 jew l-20 ta' Jannar.

Is-soċjeta` ntimata tirrimarka l-inkosistenzi fil-verżjonijiet tar-rikorrent ta x'ġara meta ġie mitlub joħroġ 88 biljett. Fl-affidavits huwa jgħid li talab lis-Sa. Micallef permess biex jikkanċella l-biljetti u jinħarġu b'data futura waqt li fil-kontro-eżami jgħid li kkuntattjaha darbtejn, darba biex jitlobha jekk joħroġx *future tickets* u darba biex jikkanċella. Dawn fost inkonsistenzi oħra.

Is-Soċjeta ntimata tinnota wkoll li għalkemm ir-rikorrent jgħid li kien biss din id-darba li ħareġ biljetti b'dati futuri, il-provi juru mod ieħor u li għamel din il-proċedura rregolari diversi drabi bejn Jannar u Marzu 2014.

Għas-soċjeta` ntimata, l-prova li twaqqa' il-verżjoni tar-rikorrent hija l-fatt li mit-88 biljett li ġew kanċellati kienu biss 77 li ġew ritornati filwaqt li l-kumplament ir-rikorrent iddikjara li weħlu fil-magna,

iżda li 2 minnhom instabu għand passiġġiera. L-argument tar-rikorrent li setgħu nġabru mill-art ma jreġġiex għal żewġ raġunijiet. Jekk weħlu fil-magna ma setgħux kienu mal-art u dawn kienu future tickets li l-validita' tagħhom kienet għada lanqas fis-seħħ. Kuntrarjament, il-verżjoni tas-Sa. Micallef dejjem kienet konsistenti u kredibbli.

L-irregolaritajiet kienu sistematiċi, fuq medda ta' żmien u ta' natura serja li anke wasslu għal telf finanzjarju għas-soċjeta` ntimata. Ir-rikorrent baqa' qatt ma wera xi dispjaċir għal dak li ġara u kiser il-prinċipju li l-impjegat għandu dejjem jaġixxi *in buona fede* ma' min jimpjegah, prinċipju sagrosant fil-liġi.

Dan kollu jwassal għas-sanzjoni estrema ta' tkeċċija mill-impjieg u li t-Tribunal għandu jasal għal konklużjoni li t-terminazzjoni tal-impjieg tas-Sur Cauchi hija waħda ġusta u suffiċjenti skont il-liġi.

Ir-rikorrent issottometta li ma jistax jaqbel li l-magni kienu jaħdmu a perfezzjoni. Tant hu hekk illi dawn il-magni llum ma narawhom imkien fuq is-servizz pubbliku.

Issottometta wkoll li matul il-perjodu li hu kien impjegat tal-kumpanija ntimata dejjem għamel delivery skont il-biljetti u skont il-magna, billi jdaħħal il-flus għand il-kumpanija sal-inqas ċenteżmu. Dan joħroġ mill-fatt li l-Accounts Office qatt u qatt ma ressqu xi ilment dwar ir-Reconciliation Report.

Inutli li wieħed jibqa' jargumenta fuq il-perfezzjoni ta' dawn il-magni għaliex waqt li l-istess kumpanija tgħid kemm kollox kien perfett u jaħdem fuq ir-rubini, filfatt inġieb xhud illi kien jaħdem fl-istess mod u spjega d-difetti li kien fiha din is-sistema u dawn il-magni. Xhud li nġieb u mhux ikkontestat kien dwar il-ħsara li spiss kien ikollhom dawn il-magni u b'dak il-mod kien jirrendi l-ħajja diffiċli għal kull impjegat.

Jidher li dawn il-kwistjonijiet ġew ukoll eżaminati minn dan it-Tribunal diversament presedut (taħt iċ-Chairman Charles Cassar) fuq id-difetti serji li kien hemm fis-sistema u kif il-Malta Public Transport Services twaħħal fl-impjegati meta dak iż-żmien id-difett essenzjali kienu fl-istess magni li kienu suppliti lil nies bħalma kien Joseph Cauchi.

Barra li l-attur għamel l-affidavit huwa filfatt resaq il' quddiem għall-kontro eżami. It-Tribunal allura kellu l-opportunita` li jżomm quddiem għajnejh il-vulnerabilita` u l-fraġilita` tal-istess Joseph Cauchi.

L-attur issottometta li hu mhux se jasal jagħmel xejn malizjuz u b'mod makakk, kontra l-liġi jew li jmur il' bogħod mid-dover tiegħu. U dan huwa fattur mportanti għaliex ir-regoli dwar ix-xhieda hija li xhud wieħed biss jekk emmnut ikun biżżejjed biex iġib il-konvinċiment f'min għandu jiġġudika. Dan japplika kemm għall-Kriminal, kemm għaċ-Ċivil u kemm għat-Tribunal Industrijali.

L-attur mhux biss xehed hu imma ġab ukoll lill-ħaddieħor li kien iktar attent fuq dawn l-affarijiet, wieħed minn sħabu li għadda mill-istess problemi u dejjem il-kumpanija tipponta subgħajha lejhom.

L-attur issottometta li tgħid x'tgħid il-kumpanija li l-magni ma kienux difettużi, li Diane Farrugia ma tatx istruzzjonijiet lil Joseph Cauchi u elementi oħrajn, filfatt Joseph Cauchi in kontro eżami ripetutament u bl-iktar mod sempliċi u konvinċenti waqaf għal tali allegazzjonijiet. It-Tribunal ma jistax iwarrab dawn il-fatti u ma jagħtix kashom. Jerġa' jiġi ribadit illi kieku l-magni kienu jaħdmu sew ma kienux jitneħħew f'qasir żmien.

Xi ħaġa dawk il-magni kellhom, u jekk kellhom id-difett li mbagħad tipprova timputah lil Joseph Cauchi hija verament kundanna dimostrattiva ħalli taparsi ikun qed isir il-ħaqq u tagħti lezzjoni.

Il-kumpanija ntimata saħqet li l-argument tar-rikorrent li qatt ma kien hemm xi allegazzjoni li ma kienx qiegħed jiddepożita l-ammont korrett, ma jreġġiex għax huwa fid-dover tal-impjegat li jagħmel dan. Barra minn hekk li wieħed ma jkunx inqabad a *tempo vergine* ma jfissirx li ma kienx hemm nuqqasijiet u jekk jinqabad wara ma jfissirx lanqas li allura għandu jitqies daqs li kieku ma sar xejn għax ma nqabadx eżatt mal-att. Dan kien isir *spot checking* u verifikat fuq perjodu ta' żmien. Iġifieri l-fatt illi

persuna partikolari f'ġurnata partikolari ma nqabbditx ma jfissirx illi r-records mhumiex qegħdin hemmhekk apposta biex jekk xi darba jinstab li kien hemm xi ħaġa dan ma jistgħux jiġu vverifikati. Iġifieri l-argument fl-opinjoni tiegħi illi qatt qabel ma kien instab illi kien hemm xi nuqqas ma jfissirx illi l-persuna jew m'għamilx nuqqas jew ma jistax jagħmel nuqqas f'okkażjoni oħra.

Il-kumpanija ntimata stqarret li ma tistax taċċetta li l-parti l-oħra issemmi każ li nstema' quddiem it-Tribunal Industrijali mingħajr ma ssir referenza sew għal każ. Kull każ huwa każ għalih u *se mai* din hija xi tip ta' prova kellha tinġieb waqt il-provi.

Li l-magni kien ikollhom problemi okkażjonali huwa fatt, imma l-kumpanija ntimata ma tistax taċċetta kummenti ġeneriċi li kollha kienu jkunu bil-ħsara u jagħtu l-problemi. Meta kienu jagħtu xi tip ta' problema kien hemm proċedura li wieħed ried isegwi. Biss, saħqet il-kumpanija jekk wieħed iqabbel l-ammont ta' biljetti kanċellati li kellu is-Sur Cauchi ma' tal-kollegi tiegħu, f'ċertu każijiet kien anke tmien darbiet iżjed.

Il-kumpanija tisħaq ukoll li s-sur Cauchi kien jaf bil-proċedura li tintuża meta jkun hemm xi ħsara għax meta kellu screen imkisser kien għamel użu minn din il-proċedura, iżda f'dan il-każ biss u qatt għax il-magna teħel jew għal xi raġuni oħra. Il-kumpanija tistaqsi li jekk il-magna kienet daqshekk problematika kif qatt ma saret talba biex tissewwa jew tinbidel?

Il-kumpanija ntimata argumentat li dan ovvjament qed jintuza biex ir-rikorrent jippriva jsib skuża għan-nuqqasijiet tiegħu . Biss li teħillek il-magna m'hiex se tiġġustifikalek qatt li biddilt id-data. Tant kien jaf jużaha li biddiltilha d-data biex inti joħroġ biljetti b'dati futuri. Din mhijiex kwistjoni ta' l-magna ma ħadmitx imma kwistjoni li rikorrenti biddel *settings*.

Dan kollu sar mingħajr awtorizzazzjoni u nġabet prova ta' dan. Id-data li suppost saret it-telefonata l-persuna lanqas kienet hemmhekk fuq il-post tax-xogħol. Kien hemm verżjonijiet differenti mir-rikorrent stess inkluż fil-kontro eżami. Dan kollu ma jistgħax jiġi ġustifikat sempliċiment billi twaħħal fil-magna saħqet is-soċjeta` ntimata.

Sar aċċenn ukoll għall-biljetti li ġew kanċellati fejn il-kumpanija saħqet li ma tistax tiġġustifika illi wieħed jgħid illi kkanċellajt biljett u dal-biljett ikkanċellat, qiegħed fil-pussess ta' passiġġier? U dan għal iżjed minn darba. Il-kumpanija tgħid ukoll li nġabu provi ċari li dawn il-biljetti kienu ħarġu mis-sur Cauchi.

Ittenni l-kumpanija ntimata li għalhekk it-terminazzjoni kienet waħda ġusta.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal sema' sewwa x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti ppreżentati mill-partijiet u jirrimarka illi, filwaqt li hekk kif qal l-avukat tar-rikorrent fis-sottomissjonijiet tiegħu, kellu l-opportunita' li jara l-vulnerabbilta' u l-fraġilita' tar-rikorrent ma jistax jasal li ma jirrimarkax illi huwa l-pern kollu tal-kwistjoni illi li biljetti li suppost kienu weħlu instabu f'idejn passiġġiera. L-unika difiża li dejjem ressaq ir-rikorrent kienet illi l-magni kienu difettużi, fatt mhux kontestat mis-soċjeta intimata, iżda hawn it-Tribunal ukoll jirrimarka illi difettużi kemm kienu difettużi l-magni r-rikorrent ma għamilx rapporti sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-management dwar dan. Li kieku wieħed kellu jemmen il-verżjoni tar-rikorrent li l-magna kienet dejjem teħel u kien ikollu jikkanċella l-biljetti xorta jibqa' l-fatt illi huwa kien jagħmel dan mingħajr awtorizzazzjoni. Fil-fatt is-Sinjura Micallef xehdet li kienet darba biss illi hija awtorizzat kanċellazzjoni ta' biljetti u li qabel kienet ħadet id-deċiżjoni u ntbagħtet l-ittra tat-8 ta' April, għamlet ftit eżerċizzju fejn qabblet l-ammonti ta' biljetti kanċellati mis-Sur Cauchi u ħaddiema oħra u r-riżulta li l-persentaġġ bejn Jannar u Frar tas-Sur Cauchi kien ħafna iżjed u l-magni użati huma l-istess.

Is-Sinjura Micallef xehdet ukoll li kien sar rapport wieħed biss mir-rikorrent dwar screen difettuż, kontra dak li allega hu u ċjoe li l-magna kienet dejjem teħel.

It-Tribunal jirrimarka ukoll li r-rikorrent donnu ma fehemx jew ma riedx jifhem il-gravita' ta' dak li kien akkużat minnu u ċjoe li jikkanċella biljetti li imbagħad jinstabu f'idejn il-passiġġiera. Is-soċjeta' qalet ukoll li kien hemm ammont ta' flus nieqes li huwa rritorna bħala riżultat tal-kanċellament tal-biljetti li wassal għat-tkeċċija tiegħu. Impjegat li huwa fdat bil-flus għandu dejjem jassigura illi jiġġestihom kif suppost u li jagħti rendikont dettaljat ta' x'kien qed jiġri. Ir-rikorrent allega illi l-magna kienet teħel, li kien ikollu jiftaħha u joħroġ il-biljetti minnha huwa u hawn it-Tribunal jistaqsi għalfejn dan qatt ma għamel rapport hekk kif għamlu sħabu, bħal eżempju Mark Borg li xehed li kull meta kellu problema kien jirrapporta mill-ewwel għaliex kien imur minn taħt hu.

**Deċiżjoni**

It-Tribunal wara li eżamina x-xiehda kollha u t-trattazzjonijiet finali taż-żewġ partijiet, qed jiddeċiedi u jiddikjara li tkeċċija tas-Sur Joseph Cauchi kienet waħda ġusta u għaldaqstant ma jilqax it-talbiet tar-rikorrent.

Għal finijiet tal-kapitlu 452 tal-liġijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffisati fl-ammont ta' €93.17.

B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**(iffirmata)**

Avv. Charmaine Cristiano Grech LL.D.

Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri

Ghas-Segretarju